MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 360/2011/1

Kawza fil-lista: 55

**A G**
**vs**
**Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud**
**li b' digriet tas-27 ta' Frar 2012 gew nominati kuraturi deputati**
**sabiex jirraprezentaw lill-assenti H G**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici tal-10 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

Illi fil-kawza fl-ismijiet premessi, r-rikorrenti kienet inter alia talbet is-separazzjoni minn ma' zewgha l-intimat;

Illi din il-kawza hija appuntata ghal nhar it-8 ta' Mejju 2012;

Illi r-rikorrenti tixtieq illi t-talba ghal separazzjoni maghmula f' din il-kawza titqies minn din il-Qorti minflok bhala talba ghal divorzju;

Illi b' referenza ghal Artikolu 66B tal-Kap. 16 jigi rilevat li l-partijiet fl-ismijiet premessi ilhom de facto separati ghal aktar minn 4 snin u dan b' mod kontinwat;

Illi m' hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi b' referenza ghal Artikolu 66F(4) r-rikorrenti tiddikjara li hija diga' ghamlet talba ghas-separazzjoni, liema talba tirrizulta mir-rikors promotur tal-kawza odjerna;

Illi dan ir-rikors huwa akkompanjat min-nota ta' ottemporanza ta' dak li jiddisponi s-subartikolu 66G(2)(a) tal-Kap. 16, liema nota hija annessa ma' dan ir-rikors;

Ghalhekk in vistata' dak suespost, ir-rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmul f' din il-kawza titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju;

2. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skont il-ligi, inkluzi dawk ai termini tal-Artikolu 66l tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz illi, diment illi huwa dovut manteniment lir-rikorrenti ghall-ulied minghand l-intimat, tordna li l-hlas tal-manteniment mill-intimat jigi zgurat b' garanzija xierqa u ragonevoli skont ic-cirkustanzi tal-partijiet, ghaliex ser jirrizulta u tabilhaqq diga' rrizulta waqt is-smiegh tal-kawza kif ukoll qabel ma bdiet il-kawza, li l-intimat kien inadempjenti fl-obbligu tieghu tal-hlas ta' manteniment, kif ukoll illi jezistu cirkostanzi oggettivi serji li juru l-htiega ta' tali garanzija.

Rat l-affidavit ta' l-attrici pprezentat fil-21 ta' Awissu 2012.

Rat li fit-3 ta' Ottubru 2012 ir-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

**Provi.**

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-attrici ilha separata de facto minn ma' zewgha sa minn Frar tas-sena 2008.

Skond ix-xhieda tal-attrici, li ma gietx kontradetta, il-konvenut H G telaq minn Malta u l-attrici ma tafx fejn jinstab. Tispjega li l-unika kuntatt li hemm huwa li darba kull tant il-konvenut G icempel biex ikellem lit-tifel minuri taghhom u qatt ma qalilha f'liema pajjiz jinsab jghix.

Dwar manteniment hija tispjega li ma tircevi xejn minghand il-konvenut G u li meta kien ghadu Malta kellu l-vizzji tax-xorb u tal-loghob. Hija qeghda trabbi lit-tifel minuri wahedha minghajr l-ebda ghajnuna minghand missier il-minuri.

**Konsiderazzjonijiet**.

Ikkunsidrat,

L-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:-

"(1) Kull parti f'kawża ta' separazzjoni, tista' f'kull waqt matul dik il-kawża, iżda qabel ma l-kawża tiġi mħollija għas-sentenza, titlob b'rikors illi t-talba għas-separazzjoni magħmula f'dik il-kawża titqies minflok bħala talba għall-pronunzjament ta' divorzju. Meta ssir din it-talba, il-qorti għandha tisma' lill-partijiet biex tikkonstata illi l-kundizzjonijiet maħsuba fl-artikolu 66B biex issir talba għad-divorzju huma sodisfatti.

Il-qorti għandha tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar din it-talba f'sentenza mogħtija fil-qorti bil-miftuħ, u minn dik is-

sentenza ma jkun hemm ebda appell ħlief flimkien mas-sentenza finali.

(2) Kull dikjarazzjoni ta' xhieda u dokumenti preżentati ma' kawża ta' separazzjoni għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal meta din tiġi mibdula fi proċeduri ta' divorzju. Dan mingħajr ħsara għall-possibilità ta' kull parti li tressaq dokumenti u xhieda oħrajn fil-proċeduri ta' divorzju relatati mat-talba għad-divorzju."

Illi sabiex jigi stabbilit jekk it-talba tar-rikorrenti ghandiex tintlaqa' jehtieg jigi stabbilit jekk il-kundizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kap. 16  biex issir talba ghad-divorzju humiex sodisfatti.

L-artikolu 66B tal-Kap.16 jipprovdi illi:-

" Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:

(*a*) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u

(*b*) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u

(*ċ*) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:

Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:

Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:

Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi."

Ikkunsidrat.

Jirrizulta li r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kap. 16 huma sodisfatti ghar-ragunijiet segwenti.

Gie stabbilit li r-rikors tal-10 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu tresqet ghall-ewwel darba f'dawn il-proceduri it-talba sabiex il-kawza tigi konvertita minn kawza ghal separazzjoni personali ghal kawza ta' divorzju, gie intavolat wara li l-konjugi G kienu ilhom aktar minn erba' snin ma jghixux flimkien. L-attrici xhedet illi l-ahhar li l-konjugi G ghexu flimkien kien fi Frar tas-sena 2008.

Il-konvenut G telaq minn dawn il-Gzejjer u ma avzax lill-attrici fejn jinstab. Huwa manifest li prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni ma jezistiex.

Dwar it-tielet rekwizit jekk hux qed jithallas manteniment, jirrizulta illi fil-fatt l-ebda manteniment ma jhallas il-konvenut G la ghall-attrici u lanqas ghall-minuri. Ma jirrizultax mill-atti jekk kienx hemm digrieti dwar hlas ta' manteniment *pendente lite*, pero' fi kwalunkwe kaz dan ir-rekwizit li manteniment pattwit jew mifthiem qieghed jithallas puntwalment kien ikun rilevanti ghall-kawza odjerna kieku t-talba qed minn min kien obbligat ihallas manteniment u mhux min qieghed fil-posizzjoni tal-attrici.

Ghalhekk l-ewwel talba hija gustifikata.

Peress illi permezz ta' din is-sentenza il-kawza qed tigi konvertita minn wahda ghall-separazzjoni personali ghal wahda ta' divorzju, it-talba sabiex fir-rikors guramentat tizdied it-talba ghall-garanzija ai termini tal-artikolu 66I tal-Kap.16 hija gustifikata.

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi r-rikors tal-attrici tal-10 ta' Mejju 2012 billi:-

Tilqa' l-ewwel talba u tordna li l-kawza fl-ismijijiet "A G vs Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud li b' digriet tas-27 ta' Frar 2012 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti H G" (Rikors Guramentat numru 360/11 RGM) ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilqa t-tieni talba u tordna zieda fir-rikors guramentat fis-sens illi wara d-disa' talba attrici tizdied bhala talba numru ghaxra is-segwenti:-

"10. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni skont il-ligi, inkluzi dawk ai termini tal-Artikolu 66l tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz illi, diment illi huwa dovut manteniment lir-rikorrenti ghall-ulied minghand l-intimat, tordna li l-hlas tal-manteniment mill-intimat jigi zgurat b' garanzija xierqa u ragonevoli skont ic-cirkustanzi tal-partijiet, ghaliex ser jirrizulta u tabilhaqq diga' rrizulta waqt is-smiegh tal-kawza kif ukoll qabel ma bdiet il-kawza, li l-intimat kien inadempjenti fl-obbligu tieghu tal-hlas ta' manteniment, kif ukoll illi jezistu cirkostanzi oggettivi serji li juru l-htiega ta' tali garanzija." u tordna d-debita addizzjoni fir-rikors promotur.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------